MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 306/2011

**Vodafone Malta Ltd – C10865**

**vs**

**Tammie Corinne Lovering KI 288510L**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ is-socjeta' attrici ressqet TALBA ghall-hlas ta' elfejn u tlettax-il elf sbatax-il centezmi (€2,013.17c) minghand il-konventa dwar servizzi u prodotti provduti lill-konvenuta a bazi tal-ftehim Dok A. Flimkien mal-ispejjes ta' mandat ta' sekwestri u qbid u mghax.

**Ra** r-RISPOSTA tal-Intimata li fis-sustanza qed tghid li l-*quantum* mitlub hu esagerat billi:-

1) Dak mitlub hu esagerat u ma jikkorrispondix mal-fatti.

2) Hi kienet imweghda 125 minuta b'xejn perjodikament dwar sejhiet lejn il-Libja – u dan ma giex onorat.
3) Hi xtrat servizz bhala "bundle" fuq perswazjoni tas-*salesperson* ta' Bay Street u dejjem qaghdet attenta fis-sejhiet lejn il-Libja biex ma teccedix il-125 imsemmija.
4) L-ewwel zewg kontijiet ta' Novembru u dicembru ma aeccedewx il-€70 izda f'Jannar dal-kont "spara" ghal €700 u fis-27 ta' Jannar 2011 qaltilhom jaqtghu il-linja. Xorta izda wasal kont ghal Frar.
5) Wara hafna giet mgharrfa li s-sejhiet ghal-Libja ma kienux koperti bil-"bundle". It-TRIBUNAL qed jigi mitlub jillikwida ammont ferm inqas minn dak mitlub.

## **II PROVI**

1. Fl-udjenza tal-21 ta' Gunju 2011 it-TRIBUNAL ordna li minn dak l-istadju 'l quddiem il-proceduri jsiru bl-Ingliz billi l-konvenuta ma kienetx tifhem il-Malti. Dana minkejja li l-konvenuta qatt ma dehret f'udjenza.

2. Fl-udjenza tat-22 ta' Settembru 2011 is-socjeta' attrici, b'zieda mad-Dok A prezentat mal-AVVIZ, ipprezentat *Itemised Bill* (Dok TL1) u *Breakdown of Monthly Bills* (Dok TL 2 sa 32) *a fol* 14 *et seq.*

3. **Richard Padovani** xehed (bl-Ingliz) u esibixxa DokRP u Dok RP1 sa 5 (*a fol* 54 *et seq*). Ix-xhud qal li hu *credit control senior executive* mas-socjeta' attrici. l-Dok RP hu l-kuntratt bejn il-kontendenti, datat 15.10.10 bis-servizz ikun attivat fit-18 ta' Ottubru 2010. Fis-26.12.2010 is-sejhiet internazzjonali gew sospizi u fil-11.01.2011 gie sospiz is-servizz kollu *outgoing* u fis-27.01.2011 il-linja gie skonnettjata.

4. Meta gie firmat il-kuntratt kien hemm pakkett ta' 125 minuta ta' sejhiet *free* ghan-*networks* lokali kollha u dawk EU. Jigifieri fil-kas ta' pajjizi barra l-EU isir hlas separat. Id-dokument *a fol* 14 jirriferi ghal sejhiet lejn il-Libja u l-Awstralja. Skond in-notamenti taghhom fis-26.12.2010 l-*international calls* gew skonnettjati minhabba *high usage* u ghax il-klijenta qalet li kienet ressqet ilment, izda riedet li

s-servizz ma jinqatghaliex ghax kellha *urgent call* (ara pag 58). Fir-rigward giet esebita korrispondenza bejn il-konvenuta u Delissia Pace, impjegata mas-socjeta' attrici fil-*credit control.*

5. Il-kont jintbaghat kull xahar, riferibilment ghall-uzu u l-kera tax-xahar precedenti. Din hi l-unika sistema taghhom u l-ilment tal-konvenuta kien dak uniku li dwaru xehed.

6. It-TRIBUNAL hawn jaghmel rifrenza diretta ghall-bqija tax-xhieda dettaljata ta' Richard Padovani li mhux il-kaz li tigi sunteggjata hawn. Tiddettalja dak li fis-sustanza hu kien ga semma fix-xhieda tieghu.

7. Dok RP3 jirrigwarda korrispondenza tal-konvenuti mal-EMD Advocates (ghas-socjeta` attrici) dwar id-difikulta` taghha li tigbed xi flus minhabba l-mandati ta' sekwestru kontriha. Fil-fatt riedet li jsir ftehim li hi thallas *max* ta' *about €300 at 50euro per month …* Bhala risposta hemm: "… *I think that it is better if we meet to discuss the pending bills. I will print all the pending invoices so that you can check that and we move from there.* Firmat: Michelle Mercieca"

8. Fl-ahhar parti tad-Dok RP5 insibu li lill-konvenuta inkitbilha hekk, bid-data tal-21.4.2011:-

*You are aware that last week you had an appointment with Michelle Mercieca to find out what you are disputing but you never turned up. You claim that the account is incorrect but you never stated exactly which calls you are disputing.*

*We are still waiting for you to come over to Vodafone House so that we can help you with a repayment plan that is suitable to the parties.*

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

9. It-TRIBUNAL josserva li hu jrid iqis fuq il-provi mressqa quddiemu. Xejn izjed u xejn inqas. Fl-udjenza tal-1 ta' Novembru 2012, insibu verbalizzat, *inter alia,* li Dr Pace, diffensur tal-konvenuta, tilef il-kuntatt mal-klijenta tieghu li, sa fejn jaf hu, issa toqghod l-Awstralja.

10. Jitqies ukoll li bejn il-kontendenti kien hemm relazzjoni ta' negozju u dan a bazi tad-dokumenti esebiti. Negozju li ma jidhirx li kellu xi privilegg specjali favur il-konvenuta.

11. Da parti tal-konvenuta tressqet diversi eccezjonijiet u ma ppruvat xejn minnhom qabel marret, skond il-verbal imsemmi fil-*para* precedenti toqghod l-Awstralja. Nafu biss li l-konvenuta offriet hlas *a saldu* hlas ta' €300 u dan f'rati mensili ta' €50.

12. IT-TRIBUNAL ihoss li s-socjeta` attrici ippruvat sostanzjalment il-pretensjoni taghha u dana permezz tax-xhieda rassikuranti ta' Richard Padovani imsahha b'dokumenti li jirrigwardjaw proceduri u linji ta' negozju *standard.*

**DECIZJONI**

Wara li qies dak kollu imfisser hawn fuq it-TRIBUNAL jiddeciedi billi:

1. jichad l-ecezzjonijiet kollha mressqa mill-konvenuti
2. jaccetta t-TALBA attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici il-*quantum* ta' €2013.17
3. jikkundanna lill-konvenuta thallas fuq dan l-ammont imghax mill-10 ta' Mejju 2011 (meta gie notifikat lilha l-AVVIZ) sal-jum tal-pagament effetiv u jikkundanna thallas l-ispejjez tal-kawza u dawk li huma mitluba fl-AVVIZ.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------